# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 40/2024/1 KA**

**Michael Piccinino f'ismu personali u fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista u għan-nom u in rappreżentanza tal-Partit Nazzjonalista**

**v.**

**Maria Cini u l-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-Avukata Ramona Attard f'isimha stess u fil-kwalità tagħha bħala President f'isem il-Partit Laburista kontra deċiżjoni mogħtija mill-Uffiċjal Reviżur fis-6 ta' Mejju, 2024 u moqrija minnu bil-miftuħ fid-9 ta' Mejju 2024, li permezz tagħha

ma aċċettax it-talba tagħha sabiex titħalla tintervjeni fi proċess li għandu x'jaqsam ma' talba għall-korrezzjoni ta' indirizz ta' elettur.

**Daħla**

2. B'rikors tas-26 ta' April, 2024, l-applikant Michael Piccinino f'ismu stess u f'isem il-Partit Nazzjonalista fisser li fir-reġistri elettorali riveduti għall-Elezzjoni Ġenerali, għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u għall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li lkoll ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' April, 2024, hemm imniżżel li l-indirizz tal-elettur Maria Cini huwa Binja Silvio Parnis, Fl 632, Triq Dun Manwel Zammit, is-Siġġiewi, meta skontu, l-indirizz veru tagħha fejn tgħix jinsab f'post ieħor fil-lokalità ta' Ħal Qormi.

3. Minħabba f'hekk l-applikant Michael Piccinino *pro et noe* talab lill-Uffiċjal Reviżur sabiex skont id-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**:

> *«jordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tikkoreġi r-Reġistru Elettorali rivedut għall-Elezzjonijiet Ġenerali, ir-Reġistru Elettorali rivedut għall-Kunsilli Lokali u r-Reġistru Elettorali rivedut tal-Unjoni Ewropea li ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April 2024 fis-sens illi l-imsemmi elettur għandu jiġi reġistrat bħala elettur fl-indirizz fejn huwa effettivament jgħammar.»*

4. L-Uffiċjal Reviżur appunta dan ir-rikors għas-smigħ għat-3 ta' Mejju, 2024, b'notifika lil Michael Piccinino, lil Maria Cini u lil

rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali.

5. Fit-2 ta' Mejju, 2024, l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* ressqet rikors sabiex hija titħalla tintervjeni f'dawn il-proċeduri u sabiex jekk hemm bżonn titħalla wkoll tressaq il-provi. Hija saħqet li dan l-intervent kien meħtieġ peress li Michael Piccinino u l-avukati tiegħu kienu żammew konferenza tal-aħbarijiet, fejn xlew lill-Partit Laburista b'manipulazzjoni tad-distretti tal-elezzjonijiet. Minbarra dan hija lmentat mill-fatt li mhux sew li jintużaw persuni privati u vulnerabbli biex jiġi attakkat il-Partit Laburista. F'kull każ hija tenniet li l-Partit Laburista għandu rwol u interess bħala partit rikonoxxut taħt l-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** sabiex jieħu sehem u jikkontrolla b'mod sħiħ il-proċess elettorali ħalli b'hekk ikun jista' jħares l-interess tiegħu.

6. Il-partijiet kollha laqgħu kopja ta' dan ir-rikors tal-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2024.

7. L-Uffiċjal Reviżur ċaħad din it-talba fis-6 ta' Mejju, 2024 għar-raġunijiet li fissirhom hekk:

> *«Dak li għandu quddiemu l-Uffiċjal Reviżur illum hija talba f'dawn il-proċeduri sabiex ir-rikorrenti «propio et nomine tiġi awtorizzata tintervjeni b'mod sħiħ f'dawn il-proċeduri inkluż li tressaq il-provi li jistgħu jkunu meħtieġa inkluż dak li twettaq ir-rwol tagħha fil-proċess elettorali», liema rikors qed jiġi ppreżentat fl-atti tar-rikors għall-varjazzjoni tal-indirizz ta' elettur.*
>
> *...*

*Dan ir-rikors fil-fehma tal-Uffiċjal Reviżur huwa bbażat fuq żewġ binarji li minnhom joħorġu konsiderazzjonijiet oħra li l-Uffiċjal Reviżur se jkun qed iqis fid-dawl tar-rikors odjern u r-rikors oriġinali.*

*L-ewwel binarju prinċipali huwa dak vantat mir-rikorrenti pro et nomine bbażat fuq l-interess tal-Partit Laburista li ma jiġix attakkat b'dawn il-proċeduri mill-Partit Nazzjonalista, u anċillarjament li fil-proċediment ma jintużawx persuni vulnerabbli għal dan il-għan. In sostenn ta' din l-allegazzjoni ir-rikorrenti jannetti kopja ta' rapporti tal-media u jindika li l-avukat tal-Partit Nazzjonalista «iġġustifika t-talba tiegħu f'dawn il-proċeduri, biex iżomm dak li, skont hu, huwa attentat tal-Partit Laburista li jimmanipola d-distretti tal-elezzjonijiet.»*

*It-tieni binarju huwa msejjes fuq l-allegat «rwol u interess bħala partit rikonoxxut taħt l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali li jipparteċipaw u jikkontrollaw b'mod sħiħ, il-proċess elettorali.»*

*Ir-rikorrenti jżid li t-talba qed issir bħala salvagwardja u protezzjoni tiegħu minn kull attentat li qed isir permezz ta' dawn il-proċeduri.*

*L-Uffiċjal Reviżur se jkun qed jikkunsidra t-talba u l-allegat dritt ta' parteċipazzjoni f'dawn il-proċeduri kemm f'isem l-Avukat Ramona Attard kif ukoll fil-kwalità tagħha ta' President u in rappreżentanti tal-Partit Laburista.*

***L-Intervent***

*L-Uffiċjal Reviżur se jgħaddi biex jikkunsidra t-tieni binarju qabel l-ewwel wieħed. L-artikolu 13 tal-Kapitolu 354 jikkontempla proċediment sui generis fdat kif ingħad hawn fuq fil-Maġistrati kollha li jservu fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).*

*Dan il-proċediment ma jinkwadrax fil-ġurisdizzjoni ordinarja tal-Qorti tal-Maġistrati. Tant huwa rwol sui generis li l-Leġislatur għażel li jsejjaħ lil-Maġistrat li jkun qed jiżvolġi dan l-irwol kontemplat taħt l-imsemmi Artikolu 13 tal-Kapitolu 354 bħala Uffiċjal Reviżur (ara deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri tat-18 ta' Ottubru 1996 fl-ismijiet Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissarju Elettorali).*

*Issa r-rikorrenti qed jitolbu l-permess biex jintervjenu fil-proċeduri odjerni. Huwa prinċipju rassodat fis-sistema legali tagħna li fejn il-liġi ma tispeċifikax drittijiet, obbligi jew poteri, dawn ma għandhomx jiġu meqjusa bħala mogħtija b'mod taċitu. Dwar dan insibu l-massima ubi lex voluit, dixit, ubi noluit, tacuit, ċjoè li jekk tkun trid il-liġi titkellem u meta ma tkunx trid il-liġi tibqa' siekta (ara deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri tat-12 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet* ***Support Services Limited v. Agenzija Sapport et****).*

*Dan qed jingħad peress li fl-imsemmi artikolu 13, u l-artikoli 36 sa 43 li jirregolaw l-Uffiċjal Reviżur fil-Kapitolu 354, minn imkien ma joħroġ li l-imsemmi Uffiċjal Reviżur huwa regolat bil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, minn fejn joħroġ l-istitut u d-dritt tal-intervent. Jingħad ukoll illi fl-istess Kapitolu 354, fejn il-Leġislatur ried japplika xi provviżjonijiet mill-Kapitolu 12, dan ġie speċifikat espressament. Hekk il-proviso tal-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 354 japplika xi dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 limitatament f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tar-Reġistru. L-artikolu 3(3) imbagħad jipprovdi li l-Bord kompost taħt l-artikolu 29 tal-Kapitolu 12, għandu l-funzjoni jagħmel proċeduri li jirregolaw l-appelli u r-rikorsi lil-Uffiċjali Reviżuri, liema regoli qatt ma saru.*

*Għaldaqstant l-Uffiċjal Reviżur jasal għall-konklużjoni li, ħlief kif previst fil-proviso tal-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 354, il-Kapitolu 12 ma japplikax għall-proċediment maħsub taħt l-artikolu 13 u 36 sa 43 tal-imsemmi Kapitolu 354.*

***L-Interess***

*L-abbli avukat tar-rikorrenti jilqa' għal l-eventwalità li l-istitut tal-intervent kontemplat taħt il-Kapitolu 12 ma japplikax f'dawn il-proċeduri, għalkemm mhux b'mod espliċitu, billi waqt it-trattazjoni jgħid li kważi kważi dan ir-rikors seta' lanqas sar, peress li kull elettur għandu interess, u allura dritt, jipparteċipa fi proċeduri bħal dawn. Donnu jrid jgħid li elettur jista' sempliċement jidher f'dawn il-proċeduri u jipparteċipa. Hawnhekk huwa qed jirreferi għad-dritt tar-rikorrenti f'isimha proprju, peress li hija elettur, kif ukoll għar-rikorrenti in rappreżentanza tal-Partit Laburista, peress li dan hija għandha interess bħala partit rikonoxxut tissorvelja kull aspett tal-proċess elettorali.*

*Li jgħid l-imsemmi Kapitolu 354, speċifikament fis-subartikolu (4) tal-artikolu 13 hu li «kopja tal-applikazzjoni jew appell flimkien mad-data tal-jum stabbilit għas-smigħ għandhom jiġu notifikati lill-applikant jew l-appellant, lill-Kummissjoni u lil kull persuna oħra li tkun tinteressaha dik l-applikazzjoni jew dak l-appell.»*

*Ġaladarba ġie stabbilit li l-artikolu 960 tal-Kapitolu 12, li jikkontempla l-interess ġuridiku, ma japplikax f'dan il-każ, allura wieħed irid jara x'inhu l-interess li qed jissemma fl-artikolu sureferit.*

*Is-subartikolu 10 tal-artikolu msemmi jagħti d-dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tal-Uffiċjal Reviżur. Huwa propju dan is-subartikolu li jagħti indikazzjoni ċara dwar min f'għajnejn il-liġi u l-leġislatur huma l-persuni li għandhom interess f'dawn il-proċeduri.*

> *«(10) Fid-deċiżjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni l-Uffiċjal Reviżur għandu jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni tiegħu u l-applikant jew l-appellant, il-Kummissjoni jew l-elettur involut*

> *ikollhom jedd ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell dwar punt ta' liġi billi jsir rikors li jiġi preżentat fi żmien sebat ijiem mill-konsenja tad-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur.»*

*Ir-rikorrenti propio et nomine qiegħed jinterpreta dan fi dritt tiegħu biex ikun parti f'dawn il-proċeduri. Kieku l-leġislatur ried li tingħata interpretazzjoni wiesgħa tal-interess meħtieġ biex persuna tkun parti attiva f'dawn il-proċeduri, kien jinkludi d-dritt ta' appell lil kull persuna. Biss il-leġislatur għażel li jagħti d-dritt ta' appell biss lill-persuni msemmija ċjoè l-applikant jew appellant u l-Kummissjoni Elettorali, l-elettur involut.*

*Fl-appell imbagħad apparti x-xhieda, jissemmew dawk il-persuni li l-Uffiċjal Reviżur għandu jisma', u ċjoè «**lill-appellant, lill-Kummissjoni u lill-persuna, jekk ikun hemm, li kontriha jsir l-appell**.» Bl-istess mod l-Artikolu 41(1) jgħid li:*

> *«41(1) Uffiċjal Reviżur għandu qabel ma jaqta' xi appell jisma' **lill-appellant, lill-Kummissjoni u lill-persuna, jekk ikun hemm, li kontriha jsir l-appell**, jekk ikun hemm, u jippermetti dik ix-xiehda oħra u jisma' kull xhieda oħra li jista' jqis meħtieġa.»*

*Għaldaqstant l-Uffiċjal Reviżur jasal għal konklużjoni li huma propju dawn il-persuni li għandhom l-interess kontemplat f'dawn il-proċeduri.*

***L-interess tar-rikorrenti bħala elettur**: Fit-trattazzjoni tiegħu l-avukat tar-rikorrenti jikkontendi li kull elettur għandu d-dritt jipparteċipa f'dawn il-proċeduri. Biss dan ma jirriżulta minn imkien. Il-Leġislatur għażel li jagħti d-dritt ta' appell minn dawn il-proċeduri minbarra l-applikant u l-Kummissjoni Elettorali, lill-elettur involut, u mhux lil kull elettur. Huwa għalhekk li l-Uffiċjal Reviżur jikkonkludi li huwa l-elettur involut, u mhux kull elettur, li għandu d-dritt ta' parteċipazzjoni attiva f'dawn il-proċeduri.*

***L-interess tar-rikorrenti bħala Partit**: Ma hemmx dubbju li huwa fl-interess ta' kull elettur li jiġu eletti dawk il-kandidati skont il-votazzjoni tal-eletturi kif organizzata fid-diversi distretti elettorali skont il-liġi u regoli stabbiliti. Peress li l-Leġislatur b'mod espliċitu illimita l-appell, u għaldaqstant l-interess ta' parteċipazzjoni attiva tal-elettur biss għall-elettur involut, żgur li partit m'għandux jitqies li għandu l-interess meħtieġ biex jipparteċipa b'mod attiv f'dawn il-proċeduri. Huwa għalhekk li m'għandhiex tingħata interpretazzjoni miftuħa u wiesgħa għall-interess imsemmi 13(4). Ġaladarba għar-raġunijiet kif imfissra hawn fuq l-interess ġie limitat għall-elettur involut biss, żgur li partit m'għandux jiġi meqjus li għandu l-interess rikjest sabiex ikun parteċipi b'mod attiv fil-proċeduri odjerni.*

*Jingħad ukoll li d-drittijiet ta' partit politiku huma biss dawk espressament mogħtija mill-Kapitolu 354. Kieku l-leġislatur ried li l-*

*partiti politiċi jipparteċipaw fl-appelli kollha, kien jesiġi li jiġu notifikati bl-istess mod kif jesiġi fil-każ tal-Kummissjoni Elettorali.*

*Għar-raġunijiet msemmija hawn fuq, l-Uffiċjal Reviżur ma jqisx li r-rikorrenti proprio et nomine għandu jiġi meqjus bħala persuna interessata fis-sens tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 354.*

***Il-Parteċipazzjoni Abbażi tal-Allegazzjonijiet fil-Medja***

*L-Uffiċjal Reviżur minkejja dak li ngħad hawn fuq, se jgħaddi sabiex jeżamina l-ewwel binarju, ċjoè l-ewwel raġuni li fuqha huwa msejjes ir-rikors.*

*L-Uffiċjal Reviżur kif ingħad hawn fuq għandu dawk il-funzjonijiet u poteri kif stabbiliti fil-Kapitolu 354. Jingħad li huwa m'huwiex mogħni bil-poter ta' xi rimedju dwar il-mod kif skont ir-rikorrenti, il-partit Nazzjonalista xandar fil-media. Dan il-proċediment ċertament m'huwiex wieħed intiż biex jiġi indirizzat dak li ntqal pubblikament minn xi partit jew ieħor. Xogħol l-Uffiċjal Reviżur f'dawn il-proċeduri hu li jassigura li dawn il-proċeduri jimxu mad-dettami tal-liġi, u xejn iktar.*

***Id-Difiża ta' Persuni Privati u Vulnerabbli***

*Dwar l-intervent in difiża ta' dak li r-rikorrenti fir-rikors tagħha ssejjaħ bħala persuni privati u vulnerabbli, ċjoè l-elettur, l-Uffiċjal Reviżur jibda biex iqis li fil-Kapitolu 354 ma jissemmewx "persuni vulnerabbli" imma "eletturi".*

*L-Uffiċjal Reviżur iqis li għandhom ikunu tali persuni li jiddeċiedu min għandu jirrappreżentahom f'dan il-proċediment. Għandha ċertament tkun l-għażla tagħhom min għandu jaqbeż għad-drittijiet tagħhom. Ovvjament elettur għandu dritt li jagħzel li jidher u jiddefendi lilu innifsu, iqabbad avukat jew prokuratur legali biex jiddefendih, jew addirittura li ma jidhirx. Anke jekk jagħżel li ma jidhirx, il-proċeduri jibqgħu għaddejjin. Jekk u kieku l-elettur ikun jixtieq li jkun rappreżentat minn xi fazzjoni, jista' fi kwalunkwe waqt jagħżel li jirrikorri għall-għajnuna ta' dik il-fazzjoni sabiex l-avukati ta' dik il-fazzjoni jassumu ir-rappreżentanza tal-elettur.*

*L-Uffiċjal Reviżur għaldaqstant ma jaqbilx mar-rikorrenti li dan l-ewwel binarju jiġġustifika l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-kwalità u r-rappreżentanza tagħha.»*

8. Din id-deċiżjoni nqrat mill-Uffiċjal Reviżur waqt is-smigħ tad-9 ta' Mejju, 2024 u kopja tagħha ġiet mgħoddija lill-Avukata Ramona Attard.

9. Dakinhar stess, l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* ressqet dan l-appell li qed jiġi deċiż illum. F'dan l-appell hija talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex, fl-ewwel lok tordna lill-Uffiċjal Reviżur jissospendi d-deċiżjoni tiegħu qabel jinqata' dan l-appell u sabiex fit-tieni lok tordna lill-istess Uffiċjal Reviżur sabiex iħalliha tkun parti jew tintervjeni fil-proċeduri.

10. B'digriet mogħti fl-10 ta' Mejju, 2024, din il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ bl-urġenza u tat żmien lill-partijiet l-oħra sal-14 ta' Mejju, 2024 sabiex iressqu risposta.

11. Il-Kummissjoni Elettorali wieġbet għal dan l-appell fit-13 ta' Mejju, 2024 u ddikjarat li hija sejra toqgħod għal kull deċiżjoni li sejra tagħti din il-Qorti.

12. Michael Piccinino *proprio et nomine* wieġeb għal dan l-appell fl-14 ta' Mejju, 2024 u semma għaliex dan ma jistħoqqlux illi jintlaqa'. Fir-risposta tiegħu huwa saħaq li l-appell tal-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* huwa null minħabba li hija mhijiex fost il-persuni msemmija fl-**Artikolu 13(10) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** li jistgħu jappellaw minn xi deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur.

13. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Mejju, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni aktar tard illum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Jirriżulta li l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* trid tieħu sehem bħala parti jew bħala intervenuta fil-proċeduri mnedija minn Michael Piccinino *proprio et nomine* quddiem l-Uffiċjal Reviżur.

15. Għad li fir-rikors tiegħu, Michael Piccinino *proprio et nomine* ma jsemmi l-ebda artikolu speċifiku tal-liġi li fuqu sejjes it-talba tiegħu quddiem l-Uffiċjal Reviżur, b'danakollu jidher ċar mill-premessi tal-istess rikors li l-azzjoni tiegħu nbdiet taħt l-**Artikolu 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**, li jaqra hekk:

> *«40.(1)* ***Kull elettur reġistrat li jgħid li xi persuna oħra*** *li isimha jidher fir-Reġistru Elettorali jew ma għandhiex jedd li tkun reġistrata bħala elettur, jew,* ***li l-isem, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra relattivi tagħha ma humiex murija b'mod korrett fir-Reġistru Elettorali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att****,* ***ikollu dritt ta' appell lill-Uffiċjal Reviżur mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali*** *jew sabiex jinqata' barra isem dak l-elettur mir-Reġistru Elettorali jew* ***sabiex ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu jidhru b'mod korrett****.*
>
> *(2)* ***Uffiċjal Reviżur jista' jordna*** *t-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' dak l-elettur jew il-****korrezzjoni ta' ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu skont is-subartikolu (1) minkejja li ma tkun saret ebda applikazzjoni qabel lill-Kummissjoni għal dak il-għan****.»*

16. Kemm hu hekk, fir-rikors tiegħu Michael Piccinino *proprio et*

*nomine* qiegħed jitlob sabiex ikun hemm bdil fl-indirizz tal-elettur Maria Cini minħabba li huwa qed jallega li hija toqgħod f'Ħal Qormi u mhux fis-Siġġiewi.

17. Din mhux l-ewwel darba li din il-Qorti tal-Appell kellha tistħarreġ kwistjoni marbuta ma' talba għall-bdil fl-indirizz ta' elettur (ara pereżempju ***Henri Darmanin v. Martin Bugelli et*** deċiża fil-5 ta' Frar, 2008).

18. Tajjeb li jingħad ukoll, li d-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** dwar it-tiswija tar-reġistru elettorali jgħoddu bl-istess mod għall-korrezzjoni tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea (ara **Artikolu 13(2) tal-Att dwar Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew**). Daqstant ieħor huwa siewi li jiġi osservat li skont l-**Artikolu 7 tal-Att dwar Gvern Lokali**, il-persuni li għandhom jedd li jivvotaw f'elezzjoni ta' Kunsilli Lokali huma dawk il-persuni li jkunu reġistrati bħala votanti f'dik it-taqsima tar-reġistru elettorali jew tar-reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea.

19. Issa minn qari tal-**Artikolu 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** fuq riprodott, joħroġ ċar li kull elettur reġistrat jista' jappella quddiem l-Uffiċjali Reviżur sabiex dan jordna li jiġi msewwi l-indirizz ta' elettur ieħor, basta però li dan l-appell jitressaq sa mhux aktar tard minn

21 jum li jiġi ppubblikat ir-reġistru elettorali.

20. Issa l-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti mhijiex dwar jekk Michael Piccinino f'ismu personali u f'isem il-Partit Nazzjonalista għandux jedd jappella quddiem l-Uffiċjal Reviżur sabiex ikun hemm bdil fl-indirizz ta' elettur. Mod ieħor, il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija min għandu jedd li jkun parti fl-appell li qed jinstema' mill-Uffiċjal Reviżur.

21. Kif rajna aktar 'il fuq, l-Uffiċjal Reviżur qal li l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* m'għandhiex jedd skont id-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** li tkun parti f'appell bħal dan. L-istess Uffiċjal qal ukoll li l-istess avukata *proprio et nomine* ma tistax titlob li tintervjeni f'tali appell minħabba li l-istitut tal-intervent imsemmi fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jsibx applikazzjoni fi proċeduri mibdija taħt l-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**.

22. L-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* appellat minn din id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur għaliex tikkontendi li din id-deċiżjoni ma tħarisx dak li jgħidu d-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**.

23. Hija tibda billi tikkritika lill-Uffiċjal Reviżur minħabba li dan irrefera

għall-**Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jitkellem dwar il-jedd ta' intervent f'kawża, biex ċaħad it-talba tagħha biex tidħol fil-proċeduri. Tfisser li hija ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur għaliex il-proċeduri mibdija taħt l-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** huma ta' bixra speċjali u għalhekk dawn mhumiex regolati bid-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Tisħaq li l-Uffiċjal Reviżur għandu l-poteri biss bil-liġi li jiddeċiedi dawn il-proċeduri speċjali skont l-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** u mhux skont l-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

24. Din il-Qorti jkollha tistqarr illi qajla tista' tifhem fejn trid tasal l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* b'din l-ewwel kritika. L-Uffiċjal Reviżur imkien ma nqeda b'xi setgħat taħt il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jiċħad it-talba tagħha għall-intervent. Anzi l-Uffiċjal Reviżur qal li l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* ma tistax iddur fuq l-istitut tal-intervent kif regolat bl-**Artikolu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili** peress li dan ma jgħoddx għall-proċedura ta' korrezzjoni ta' reġistru elettorali taħt l-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**.

25. Ifisser dan li kontra dak li qiegħda tipprova tagħti x'tifhem l-avukata appellanti, l-Uffiċjal Reviżur eskluda u mhux applika d-

dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjonijiet u Proċedura Ċivili**. Tassew ir-raġunament tal-Uffiċjal Reviżur kien – u din il-Qorti tal-Appell taqbel għalkollox miegħu – li l-istitut tal-intervent kif regolat fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jistax jiġi użat fi proċeduri dwar talbiet għall-korrezzjoni ta' reġistri elettorali għaliex dawn huma regolati għal rashom b'liġi speċifika, li bl-ebda mod ma jirreferu għal dan l-istitut tal-intervent.

26. Din l-ewwel kritika mressqa mill-avukata appellanti kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur għalhekk qiegħda tiġi miċħuda bħala waħda mhux mistħoqqa.

27. It-tieni kritika mressqa mill-avukata appellanti hija li l-Uffiċjal Reviżur naqas milli jqis l-interess tal-Partit Laburista bħala partit rikonoxxut taħt l-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** li jikkontrolla u jipparteċipa b'mod sħiħ fil-proċess elettorali. Hija tirreferi għall-**Artikoli 13(9)**, **28** u **43** tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** li jgħidu li Partit Politiku rappreżentat fil-Parlament għandu interess fil-liġi dwar reġistrazzjonijiet ġodda, korrezzjonijiet, trasferimenti u tħassir ta' voti li jkunu saru mill-Kummissjoni Elettorali taħt l-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**, kif ukoll dwar proċeduri mibdija quddiem l-Uffiċjal Reviżur. Minħabba f'hekk hija tisħaq li billi partiti politiċi rappreżentati fil-Parlament ta' Malta għandhom il-jedd li jkunu informati f'kull stadju tal-

proċess li jinvolvi l-elezzjonijiet, allura l-Partit Laburista u d-delegati jew rappreżentanti tiegħu għandhom interess fil-proċedimenti nfushom u fid-deċiżjoni li titteħed mill-Uffiċjal Reviżur. U biex isaħħaħ din il-fehma tagħha hija tirreferi għal żewġ deċiżjonijiet mogħtija minn żewġ Uffiċjali Reviżuri oħra li ħallew lill-Partit Laburista jintervjeni fi proċeduri relatati ma' korrezzjonijiet ta' reġistri elettorali.

28. Din il-Qorti m'għandhiex lanqas l-iċken dubju li partit politiku huwa protagonist ewlieni fi proċess elettorali, b'dana għalhekk li huwa għandu mhux biss l-interess iżda anke kull jedd li jiġi miżmum infurmat b'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-elezzjoni, inkluż dwar kull bdil li jseħħ fir-reġistru elettorali. Biss però mbilli partit politiku għandu kull jedd li jkun jaf dwar dak kollu li qed jitniżżel fir-reġistru elettorali, b'daqshekk dan ma jfissirx li huwa għandu jedd li jiġi kkonsultat jew illi jiġi involut fi proċess dwar talba għall-bdil tal-indirizz jew fil-partikolaritajiet ta' kif elettur għandu jidher f'reġistru elettorali.

29. Kemm hu hekk, il-liġi hija biżżejjed ċara fl-**Artikolu 41(1) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** dwar min għandu jkun involut fi proċess quddiem l-Uffiċjal Reviżur f'talba għall-korrezzjoni ta' kif elettur għandu jidher f'reġistru elettorali. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> *«41. (1) Uffiċjal Reviżur għandu qabel ma jaqta' xi appell jisma' **<u>lill-appellant, lill-Kummissjoni u lill-persuna, jekk ikun hemm, li kontriha jsir l-appell</u>**, jekk ikun hemm, u jippermetti dik ix-xiehda*

*oħra u jisma' kull xhieda oħra li jista' jqis meħtieġa.»*

30. Dan l-artikolu tal-liġi mkien ma jsemmi illi l-Uffiċjal Reviżur għandu xi dmir illi jrid jisma' lil xi partit politiku elett fil-Parlament qabel jiddeċiedi xi appell taħt l-**Artikolu 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** dwar talba għat-tneħħija ta' elettur mir-reġistru elettorali jew għat-tiswija ta' kif elettur għandu jidher fir-reġistru elettorali. Daqstant ieħor l-Uffiċjal Reviżur m'għandu l-ebda dmir li jrid joqgħod jisma' lill-partiti politiċi l-oħra li mhumiex eletti fil-Parlament jew illi jisma' lil kull wieħed mill-kandidati elettorali li ħa joħorġu fuq id-distrett ta' fejn l-elettur ikun jinsab reġistrat jew lil kull wieħed mill-kandidati elettorali li ħa joħorġu fuq id-distrett ta' fejn qed jintalab li l-elettur għandu jiġi reġistrat, li lkoll kemm huma jaf għandhom interess dwar ir-reġistru elettorali.

31. Tassew minn kliem l-**Artikolu 41(1)** jinżel ċar li l-partijiet li għandhom jedd illi jinstemgħu mill-Uffiċjal Reviżur huma: (i) l-appellant li jkun qed jitlob il-bdil fir-reġistru elettorali[1]; (ii) il-Kummissjoni Elettorali li bil-liġi hija responsabbli miż-żamma tar-reġistri elettorali; u (iii) il-persuna li kontriha jkun sar l-appell, jekk kemm-il darba l-appell ikun tressaq minn elettur reġistrat kontra elettur reġistrat ieħor.

32. F'dan il-kuntest wieħed ma jridx jinsa wkoll li skont l-**Artikolu 42**

[1] L-appellant jista' jkun kemm l-elettur innifsu li ma jkunx qiegħed jaqbel ma' kif huwa stess jkun jinsab reġistrat (ara **Artikoli 36** sa **37 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**), kif ukoll elettur reġistrat li jkun qiegħed jikkontesta kif persuna oħra qed tidher fir-reġistru elettorali (ara **Artikolu 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**).

**tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** proċeduri bħal dawn iridu jinqatgħu fi żmien qasir u perentorju għaliex jekk dawn ma jiġux deċiżi mill-Uffiċjali Reviżuri u mill-Qorti tal-Appell sa qabel erbatax-il jum mid-data appuntata għall-elezzjoni, allura l-proċeduri jispiċċaw biex jiġu differiti *sine die*. Billi proċeduri bħal dawn għandhom jiġu pproċessati b'ċertu ħeffa, allura m'għandux ikun hemm wisq telf ta' ħin. Din tista' tkun raġuni għalfejn il-leġislatur semma biss lill-appellant, lill-Kummissjoni Elettorali u lill-elettur li kontrih sar l-appell bħala l-persuni li għandhom il-jedd li jinstemgħu mill-Uffiċjal Reviżur.

33. Fuq kollox, din il-fehma tal-Qorti li partit politiku m'għandux jedd li jieħu sehem fi proċeduri bħal dawn quddiem l-Uffiċjal Reviżur tinsab imsaħħa wkoll mill-**Artikolu 13(10) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**, li jgħid li huma biss l-applikant jew l-appellant, il-Kummissjoni Elettorali u l-elettur involut li għandhom il-jedd li jappellaw mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur quddiem il-Qorti tal-Appell. Dawn huma l-istess tliet persuni li jissemmew fl-**Artikolu 41(1) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**. Għal darb'oħra partiti politiċi ma jissemmewx.

34. Kif għadu kemm ingħad dan l-aħħar minn din il-Qorti fis-sentenza ***Lorenza sive Lora Cascun v. Direttur tar-Registru Pubbliku*** deċiża fid-9 ta' Mejju, 2024, il-kriterju meħtieġ għall-interpretazzjoni ta' liġi li tkun qiegħda tiġi mitħaddta huwa dak, li l-liġi trid titqies bħala ħaġa

waħda sħiħa u strutturata. Għalhekk, bħala prinċipju ġenerali, min jinterpreta l-liġi għandu jfittex it-tifsira tajba tagħha, wara li jqis kemm id-diversi partijiet ta' dak l-istess artikolu tal-liġi, kemm artikoli oħra li jinsabu fl-istess liġi, u kif ukoll, fejn meħtieġ, dak li jgħidu numru ta' liġijiet oħra meta moqrija flimkien.

35. Billi fil-każ tagħna, partiti politiċi m'għandhomx jedd illi jappellaw minn deċiżjonijiet meħuda mill-Uffiċjal Reviżur, allura huwa sintomatiku li partiti politiċi wkoll m'għandhomx jedd li jkunu involuti bħala parti jew bħala intervenuti fil-proċeduri li jkunu qegħdin jinstemgħu mill-Uffiċjal Reviżur.

36. Huwa veru li l-**Artikolu 13(4) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** jgħid li l-Uffiċjal Reviżur għandu jordna li kopja tal-applikazzjoni jew tal-appell flimkien mad-data tal-jum stabbilit għas-smigħ għandhom jiġu notifikati lill-applikant jew l-appellant, lill-Kummissjoni u lil kull persuna oħra li tkun tinteressaha dik l-applikazzjoni jew dak l-appell. Madankollu l-frażi, «*kull persuna oħra li tkun tinteressaha dik l-applikazzjoni jew dak l-appell*», trid tinqara fid-dawl u fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**.

37. Billi kif rajna aktar kmieni l-azzjoni tal-lum tnediet taħt l-**Artikolu**

**40** tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** għaliex Michael Piccinino *proprio et nomine* qiegħed jitlob li jkun hemm bdil fil-mod ta' kif Maria Cini hija reġistrata fir-reġistru elettorali, allura għall-għanijiet tal-**Artikolu 13(4) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** għandu jkun wisq ovvju li l-persuna interessata fl-appell ta' Michael Piccinino *proprio et nomine* ma hija ħadd ħlief Maria Cini għaliex l-appell huwa sewwasew dwar il-mod ta' kif hija tinsab imniżżla fir-reġistru elettorali.

38. L-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* iżda tgħid fl-appell tagħha li l-Partit Laburista għandu l-jedd li jieħu sehem fil-proċeduri dwar il-vot ta' Maria Cini minħabba dak li jgħidu l-**Artikoli 13(9)**, **28** u **43** tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**.

39. Sinċerament din il-Qorti ma tarax minn fejn joħroġ minn dawn l-artikoli, illi partit politiku għandu l-jedd li jipparteċipa fi proċeduri bħal dawk li hemm pendenti quddiem l-Uffiċjal Reviżur.

40. Ibda biex, għalkemm il-partiti politiċi għandhom jedd skont l-**Artikolu 14(2)** tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** li jaħtru tabib kull wieħed biex dan ipoġġi fuq il-bord mediku biex iqisu applikazzjonijiet imsejsa fuq l-inabilità tal-moħħ ta' elettur taħt l-**Artikolu 13(9)** tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**, dan ma jfissirx b'daqshekk li l-partiti politiċi għandhom jedd li jkunu parti f'kull azzjoni li titressaq quddiem l-

Uffiċjal Reviżur dwar korrezzjoni ta' reġistru elettorali.

41. Il-Qorti qiegħda tifhem li l-għan wara dawn l-artikoli mhuwiex li jagħti leġittimazzjoni passiva lill-partiti politiċi fil-proċeduri quddiem l-Uffiċjal Reviżur, iżda biex jiġi żgurat li t-tobba li jpoġġu f'dan il-bord mediku ma jinħatrux minn partit politiku wieħed, ħalli b'hekk jinżamm il-*par condicio* bejn il-partiti politiċi eletti fil-Parlament. Fil-fatt l-għamla u l-kompożizzjoni tal-bord mediku taħt l-**Artikolu 14(2) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** huwa maħsub biss biex jipprova jżomm bilanċ bejn l-interessi tal-partiti eletti fil-Parlament, għaliex kull naħa għandha d-dritt li taħtar tabib wieħed, filwaqt li t-tabib l-ieħor jintagħżel mill-Kummissjoni Elettorali sabiex jaġixxi bħala r-ras tal-Bord.

42. Jiġi b'hekk li l-**Artikolu 13(9) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** msemmi mill-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* fl-appell tagħha ma jnissel l-ebda jedd f'partit politiku li jkun parti fil-proċeduri li jkunu qegħdin jinstemgħu mill-Uffiċjal Reviżur. L-uniku jedd li jipprovdi dan l-artikolu huwa biss li appelli msejsa fuq inabilità tal-moħħ tal-elettur għandhom jiġu riferuti lil bord mediku magħmul minn tobba maħtura mill-partiti politiċi u mill-Kummissjoni Elettorali. Il-jedd ta' għażla tal-membri tal-bord mediku mhuwiex ekwivalenti għall-jedd ta' parteċipazzjoni f'kull azzjoni għall-korrezzjoni ta' reġistru elettorali quddiem l-Uffiċjal Reviżur.

43. Bl-istess mod, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* tista' qatt tippretendi li l-Partit Laburista għandu jkollu jedd li jieħu sehem fit-talba għall-korrezzjoni tal-indirizz ta' Maria Cini minħabba dak li jiddisponu l-**Artikoli 28** u **43 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**. L-**Artikolu 28** jgħid biss li l-Kummissjoni Elettorali trid mill-inqas kull xahar kalendarju, tagħti lista lil kull delegat ta' partit, li jkun fiha r-reġistrazzjonijiet ġodda, korrezzjonijiet, trasferimenti u tħassir li jkun sar minnha, filwaqt li l-**Artikolu 43** jgħid biss li l-Kummissjoni Elettorali trid tgħarraf lid-delegati tal-partiti, b'kull tibdil fir-reġistru elettorali li jseħħ wara deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur.

44. Kif għidna aktar kmieni, partit politiku għandu kull jedd li jinżamm infurmat b'kull tibdil li jsir fir-reġistru elettorali għaliex partit politiku huwa protagonist ewlieni fl-elezzjoni. Imma dan il-jedd tiegħu li jikseb dan it-tagħrif ma jsarrafx ruħu f'jedd li partit politiku jista' jindaħal fil-proċess tal-korrezzjoni ta' indirizz ta' elettur partikolari. Daqskemm elettur m'għandux obbligu li jkellem jew javża minn qabel lill-partiti politiċi sabiex ibiddel l-indirizz tiegħu, daqstant ieħor l-Uffiċjal Reviżur jew din il-Qorti tal-Appell f'każ li jkun hemm appell mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Reviżur, m'għandhomx bżonn illi joqogħdu jisimgħu x'għandhom xi jgħidu l-partiti politiċi, f'każ li elettur reġistrat iressaq talba taħt l-**Artikoli 40 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** sabiex jiġi korreġut l-indirizz ta'

kif jinsab reġistrat elettur ieħor.

45. B’żieda ma’ dan, din il-Qorti ttenni dak li qalet qabel, jiġifieri li l-liġi hija ċara ħafna dwar min għandu l-jedd li jinstema’ mill-Uffiċjal Reviżur f’każ ta’ appell għall-korrezzjoni ta’ indirizz ta’ elettur. Dawn in-nies huma: (i) l-appellant li jkun qiegħed jitlob li għandha titwettaq il-bidla; (ii) il-Kummissjoni Elettorali li hija responsabbli miż-żamma tar-reġistru elettorali; u (iii) l-elettur, fil-każ tagħna Maria Cini, li dwar l-indirizz tagħha qiegħda tintalab il-korrezzjoni.

46. Jinżel b’hekk li l-Uffiċjal Reviżur iddeċieda tajjeb u skont l-ispirtu tad-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** meta huwa ċaħad it-talba tal-Avukata Ramona Attard, kemm f’isimha stess u kif ukoll f’isem il-Partit Laburista, sabiex titħalla tieħu sehem jew tintervjeni fil-kawża li għandha x’taqsam ma’ talba dwar korrezzjoni tal-indirizz ta’ Maria Cini li hemm jidher fuq ir-reġistru elettorali.

47. Mod ieħor, dak li ma jħarisx u mhuwiex konformi mad-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali** huma ż-żewġ rikorsi nfushom li l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* ressqet quddiem l-Uffiċjal Reviżur għaliex bil-liġi hija la għandha l-jedd li tidħol fil-proċeduri li qed jinstemgħu mill-Uffiċjal Reviżur u wisq aktar li tressaq dan l-appell tal-lum, kif tajjeb ingħad minn Michael Piccinino *proprio et*

*nomine* fir-risposta tal-appell tiegħu. Fil-fatt din il-Qorti sejra tiddikjara dan l-appell mhux biss bħala wieħed mhux mistħoqq iżda wkoll bħala wieħed irregolari għaliex ma setax jiġi mressaq.

48. Fl-aħħar nett, l-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine* ma tistax issib wens fil-fatt li Uffiċjali Reviżuri oħra fi proċeduri differenti li jolqtu eletturi oħrajn, ħallew lill Partit Laburista jintervjeni. Dan għas-sempliċi raġuni li din il-Qorti mhijiex marbuta b'dawk id-deċiżjonijiet.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine*, kemm għaliex dan mhuwiex mistħoqq, kif ukoll għaliex dan ma setax jiġi mressaq minnha skont l-**Artikolu 13(10) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali**.

L-ispejjeż tagħha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Avukata Ramona Attard *proprio et nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |